# FIL-QORTI ĊIVILI – PRIM AWLA

## IMĦALLEF

## ONOR. IAN SPITERI BAILEY LL.M. LL.D.

**Illum 27 ta' Gunju 2022**

**Kawza Nru: 1**

**RIKORS NUMRU : 82/2022ISB**

Dr Jacqueline Mallia (K.I. 240475M) bhala mandatrici specjali tal-assocjazzjoni estera **La Liga Nacional de Futbol Profesional,** entita` legali reġistrata fi Spanja bin-numru tar-reġistrazzjoni G78069762

vs

**Epic Communications Limited** soċjetà reġistrata bin-numru ta' reġistrazzjoni C 10865;

**Melita Limited** soċjetà reġistrata bin-numru ta' reġistrazzjoni C12715; u

**GO plc** soċjetà reġistrata bin-numru ta' reġistrazzjoni C22334

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors tar-rikorrenti noe. tal-1 ta' Frar 2022, li permezz tieghu, hija talbet lil din il-Qorti sabiex:

*(1) Tiddikjara illi t-trasmissjoni/streaming tal-kontenut awdjoviziv tal-loghob dirett tal-ewwel u t-tieni divizjonijiet tal-league tal-futbol spanjol LaLiga minghajr l-awtorizazzjoni tar-Rikorrenti, inkluz izda mhux*

*limitatament ghall-kontenut accessibbli mill-IP Addresses indikati fid-Dokument D, jiksru id-drittijiet tal-awtur li tiddetjeni l-istess Rikorrenti;*

*(2) Tiddikjara illi is-servizz moghti mis-socjetajiet intimati qieghdin jintuzaw minn terzi sabiex jinkissru d-drittijiet tal-awtur li tiddetjeni r-Rikorrenti;*

*(3) Tordna, ai termini tal-Artikolu 10 tal-Kap 488 tal-Ligijiet ta` Malta, lis-socjetajiet intimati iwaqqfu l-access ghall-IP addresses, inkluz izda mhux limitatament l-IP Addresses indikati fid-dokument hawn anness u mmarkat bhala Dokument D, li tramite taghhom jinghata access ghall-kontenut awdjoviziv tal-loghob dirett tal-ewwel u t-tieni divizjonijiet tal-league tal-futbol spanjol LaLiga ghall-istagguni 2021/2022 u 2022/2023 li jkun qed jigi trasmess/streamed minghajr l-awtorizazzjoni/licenzja tar-Rikorrenti, u ghalhekk bi ksur tad-drittijiet tal-awtur illi hija tiddetjeni, u dan taht il-modalitajiet u soggett ghal kwalunkwe provvediment illi din l-Onorabbli Qorti jidhrilha xieraq illi timponi sabiex tali ordni tkun wahda effettiva, effikaci u dinamika, inkluz li tappunta esperti teknici illi jidentifikaw matul il-kors tal-istagguni imsemmija, IP Addresses ohra li jistghu talvolta jibdew jittrasmettu illegalment l-kontenut awdjoviziv li fuqu r-Rikorrenti tiddetjeni d-dritt tal-awtur u li jistghu jigu accessati tramite is-servizz tal-istess socjetajiet intimati sabiex l-access ghall-istess IP Addresses ikun ukoll soggettat ghall-ordni restrittiva ta` din l-Onorabbli Qorti fil-konfront tas-socjetajiet intimati;*

*Bl-ispejjez kontra s-socjetajiet intimati.*

U dan wara illi ppremettiet illi:

*Illi r-Rikorrenti nomine hija mandatrici specjali tal-assocjazzjoni estera* ***La Liga Nacional de Futbol Profesional*** *in forza ta' prokura, hawn annessa u markata bħala Dokument "A";*

*Illi r-Rikorrenti tiddetjeni id-drittijiet awdjovizivi internazzjonali tal-loghobiet tal-ewwel u t-tieni divizjonijiet tal-league tal-futbol spanjol LaLiga u dan kif jirrizulta mir-Royal Decree-Law 5/2015 tat-tlettin (30) ta` April tas-sena elfejn u hmistax (2015) hawn anness u mmarkat bhala Dokument "B" (traduzzjoni bl-Ingliz tinsab annessa bhala Dokument "C").*

*Illi ghalhekk r-Rikorrenti tgawdi mill-protezzjoni tad-drittijiet tal-awtur ai termini tal-Kapitolu 415 tal-Ligijiet ta` Malta, inkluz id-dritt esklussiv illi titrasmetti, tikkomunika u tpoggi ghad-disposizzjoni lill-pubbliku il-kontenut awdjovizi imsemmi, fost ohrajn got-territorju ta` Malta;*

*Illi s-socjetajiet intimati inter alia, topera bħala Internet Service Provider (ISP) u għalhekk fuq il-pjattaforma elettronika tagħhom jghaddi kontenut diġitali minn diversi sorsi;*

*Illi minn eżerċizzju maghmul mis-soċjetà PriceWaterhouse Coopers ġewwa Malta (Dokument "D"), gew identifikati numru ta` IP Addresses li jaghtu access onlajn ghall-kontenut awdjoviziv tal-loghob infraskritt u li qed jigi trasmess/streamed minghajr d-debita licenzja u/jew awtorizazzjoni tar-Rikorrenti. Illi ghalhekk it-trasmissjoni/streaming tal-kontenut awdjoviziv imsemmi qieghed issir b'mod illegali u bi ksur tad-drittijiet tal-awtur illi r-Rikorrenti tiddetjeni;*

*Illi jirrizulta illi l-istreaming servers li minnhom isir it-trasmissjoni illegali ibiddlu l-IP Addresses taghhom regolarment, sahansitra anke waqt it-trasmissjoni stess ta` xi loghoba imsemmija;*

*Illi tali kontenut awdjoviziv trasmess/streamed illegalment jista` jigi accessat f'Malta permezz ta` siti elettronici, mobile device apps u/jew software iehor accessati/inkluzi/imnizzla fi set-top boxes, media players, kompjuters u/jew apparat elettroniku iehor tramite is-servizz moghti mis-socjetajiet intimati;*

*Illi ghalhekk filwaqt illi s-socjetajiet intimati mhumiex huma stess jiksru id-drittijiet tal-awtur li tiddetjenti r-Rikorrenti, is-servizz moghti minnhom qieghed madankollu jintuza sabiex isir dan il-ksur hekk kif permezz taghhom, il-klijenti tas-socjetajiet intimati ghandhom access ghall-kontenut awdjoviziv trasmess illegalment;*

*Illi ghalhekk l-aktar mod effettiv sabiex r-Rikorrenti tipprotegi id-drittijiet taghha huwa li jitwaqqaf l-access ghall-istreaming servers li qed jittrasmettu illegalment il-kontenut awdjoviziv li fuqu hija tiddetjeni d-drittijiet tal-awtur.*

*Illi l-Artikolu 10(2) tal-Kapitolu 488 tal-Ligijiet ta` Malta jaghti dritt ghad-dententur ta` dritt ta` propjeta intellattwali sabiex jitlob lill-Qorti tohrog dawk il-projbizzjonijiet li jidhrilha xierqa fil-konfront ta` intermedjarji li jkollhom s-servizz taghhom uzati minn terzi sabiex jiksru l-imsemmi dritt ta` propjeta intellettwali sabiex jigi pprojbit t-tkomplija ta` ksur ta` l-istess dritt;*

Rat id-dokumenti kollha annessi mal-istess rikors promotur.

Rat id-digriet taghha tat-22 ta' Frar 2022 minn fejn jirrizulta illi l-kawza tqeghdet fuq il-lista tal-kawza Qorti ghall-udjenza tas-6 ta' April 2022 fid-9:30am.

Rat il-verbal tal-udjenza tas-6 ta' April 2022 minn fejn jirrizulta illi "*bi ftehim bejn id-difensuri kollha tal-partijiet, kwalsiasi terminu impost mill-ligi qed jigi sospiz u dan peress illi l-partijie tjinsabu fi trattattivi sabiex jittransigu l-vertenza*". Ukoll illi d-difensuri tal-partijiet talbu differiment "*bil-ghan li tkun sehhet uit-transazzjoni a bazi ta' liema ser ikunu qed jitolbu lil Qorti tghaddi ghad-decizjoni*".

Rat il-verbal tal-udjenza tas-6 ta' Gunju 2022 minn fejn jirrizulta illi "*id-difensuri tal-partijiet ipprezentaw nota konguntiva b'compromise agreement data 1 ta' Gunju 2022 u talbu lill-Qorti sabiex ……. tghaddi biex taghti s-sentenza li tinkorpora tali ftehim u li*

*tkun tkopri l-istagun intier 2022/2023*". Ukoll, il-partijiet qabblu illi "*l-qorti tuza dak necessarju mill-ftehim fil-pubblicita' tad-decizjoni izda fejn hu possibbli l-ftehim u partikolarment il-metodologija tat-thaddim tieghu ghandhom jibqghu kunfidenzjali*".

Rat in-nota kongunta tal-partijiet esebita fl-udjenza tas-6 ta' Gunju 2022;

Rat illi l-kawza thalliet ghad-decizjoni ghat-30 ta' Settembru 2022;

Rat id-digriet taghha tal-xxxxxx li permezz tieghu il-kawza giet rikjamata ghall-llum peress sabiex tinghata s-sentenza llum.

**Ikkunsidrat:**

Illi permezz ta' din il-procedura, ir-rikorrenti noe. in rapprezentanza ta' tal-assocjazzjoni estera **La Liga Nacional de Futbol Profesional,** entita` legali reġistrata fi Spanja bin-numru tar-reġistrazzjoni G78069762 talbet lil din il-Qorti sabiex:

*(1) Tiddikjara illi t-trasmissjoni/streaming tal-kontenut awdjoviziv tal-loghob dirett tal-ewwel u t-tieni divizjonijiet tal-league tal-futbol spanjol La Liga minghajr l-awtorizazzjoni tar-Rikorrenti, inkluz izda mhux limitatament ghall-kontenut accessibbli mill-IP Addresses indikati fid-Dokument D, jiksru id-drittijiet tal-awtur li tiddetjeni l-istess Rikorrenti;*

*(2) Tiddikjara illi is-servizz moghti mis-socjetajiet intimati qieghdin jintuzaw minn terzi sabiex jinkissru d-drittijiet tal-awtur li tiddetjeni r-Rikorrenti;*

*(3) Tordna, ai termini tal-Artikolu 10 tal-Kap 488 tal-Ligijiet ta` Malta, lis-socjetajiet intimati iwaqqfu l-access ghall-IP addresses, inkluz izda mhux limitatament l-IP Addresses indikati fid-dokument hawn anness u mmarkat bhala Dokument D, li tramite taghhom jinghata access ghall-kontenut awdjoviziv tal-loghob dirett tal-ewwel u t-tieni divizjonijiet tal-league tal-futbol spanjol LaLiga ghall-istaguni 2021/2022 u 2022/2023 li jkun qed jigi trasmess/streamed minghajr l-awtorizazzjoni/licenzja tar-Rikorrenti, u ghalhekk bi ksur tad-drittijiet tal-awtur illi hija tiddetjeni, u dan taht il-modalitajiet u soggett ghal kwalunkwe provvediment illi din l-Onorabbli Qorti jidhrilha xieraq illi timponi sabiex tali ordni tkun wahda effettiva, effikaci u dinamika, inkluz li tappunta esperti teknici illi jidentifikaw matul il-kors tal-istagguni imsemmija, IP Addresses ohra li jistghu talvolta jibdew jittrasmettu illegalment l-kontenut awdjoviziv li fuqu r-Rikorrenti tiddetjeni d-dritt tal-awtur u li jistghu jigu accessati tramite is-servizz tal-istess socjetajiet intimati sabiex l-access ghall-istess IP Addresses ikun ukoll soggettat ghall-ordni restrittiva ta` din l-Onorabbli Qorti fil-konfront tas-socjetajiet intimati;*

**Ikkunsidrat Ultejrorment:**

Illi r-rikorrenti noe, ossia **La Liga Nacional de Futbol Profesional** (minn issa l-quddiem msejjha "**La Liga**") qed tressaq dawn it-talbiet peress illi tippremetti illi hija tiddettjeni, b'referenza ghall-loghbiet ta' l-ewwel divizjoni u t-tieni divizjoni tal-futbol

Spanjol, id-drittijiet awdjovizivi internazzjonali tal-loghbiet milghuba f'dawn iz-zewg divizjonijiet tal-kampjonati Spanjoli.

**La Liga** tikkontendi illi hija ghanda dawn id-drittijiet in vista' ta' *Royal Decree-Law 5/2015* tat-tlettin (30) ta` April tas-sena elfejn u hmistax (2015) - traduzzjoni bl-Ingliz annessa bhala Dokument "C" mar-rikors promotur. Huwa f'dan l-isfond illi **La Liga** tikkontendi illi hija tgawdi mill-protezzjoni tad-drittijiet tal-awtur ai termini tal-KAP 415 tal-Ligijiet ta' Malta, l-Att hekk msejjah "Att dwar id-Drittijiet tal-Awtur" u b'hekk hija ghandha d-dritt esklussiv illi tittrasmetti, tikkomunika u tpoggi ghad-dispozizzjoni tal-pubbliku, inkluz dak Malti, il-kontenut awdjoviziv tal-loghob tal-ewwel u t-tieni divizjonijiet tal-futbol Spanjol.

**La Liga** harrket lis-socjetajiet intimati peress illi bhala *Internet Service Providers* (ISPs) huma jipprovdu pjattaforma elettronika taghhom biex minnha jghaddi l-kontenut digitali minn diversi sorsi ghand il-pubbliku.

**La Liga** tikkontendi illi gew identifikati numru ta` IP Addresses li jaghtu access onlajn ghall-kontenut awdjoviziv tal-loghob infraskritt u li qed jigi trasmess/*streamed* minghajr d-debita licenzja u/jew awtorizazzjoni taghha, u ghalhekk issostni illi t-trasmissjoni/*streaming* tal-kontenut awdjoviziv imsemmi qieghed issir b'mod illegali u bi ksur tad-drittijiet taghha qua l-awtur. In sostenn tal-prova taghha, hija tesebixxi bhala Dok D rapport ta' kumpannija ta' awdituri rinomata, is-socjeta' *PriceWaterhouse Coopers* (PwC) ġewwa Malta.

Illi mir-rapport msemmi, jirrizultaw mijiet ta' IP Addessess illi PwC iddiskreviet bhala "*a list of all internet sites identified as a content streaming or location, gathered throughout the packet capture session*" u tinkludi "*date and time of packet capture*", "*stream channel name*", "*stream details ie name of sporting event or program*", "*stream source IP address*" u "*stream source URL*".

**La Liga** tikkontendi ulterjorment illi l-istreaming *servers* li minnhom issir it-trasmissjoni illegali ibiddlu l-IP Addresses taghhom regolarment, sahansitra gieli anke waqt it-trasmissjoni stess ta` xi loghoba, u tali kontenut awdjoviziv trasmess/*streamed* illegalment jista` jigi accessat f'Malta permezz ta` siti elettronici, mobile device apps u/jew software iehor accessati/inkluzi/imnizzla fi set-top boxes, media players, kompjuters u/jew apparat elettroniku iehor tramite is-servizz moghti mis-socjetajiet intimati.

**La Liga** ghalhekk tikkontendi illi filwaqt illi s-socjetajiet intimati ma humiex huma stess jiksru id-drittijiet taghha, b'dana kollu is-servizz moghti minnhom qieghed jintuza sabiex isir dan il-ksur. Dan ghaliex permezz taghhom, il-klijenti tas-socjetajiet intimati ghandhom access ghall-kontenut awdjoviziv trasmess illegalment.

Il-Qorti tqis illi dawn il-fatti kif jirrizultaw mir-rikors guramentat u d-dokumenti annessi mieghu ma huma b'ebda mod kontradetti, anzi jidher illi huma accettati mis-socjetajiet intimati. Il-Qorti sejra ghalhekk tqis illi l-premessi esposti fir-rikors huma ben ippruvati b'fatti, aktar minn kollox dokumentali, li ma humiex kontradetti.

**Ikkunsidrat Ulterjorment:**

Illi fid-dawl tal-fatti mressqa minn **La Liga**, hija qed titlob sabiex din il-Qorti taghti rimedju effettiv sabiex hija tipprotegi id-drittijiet taghha, partikolarment u precizament billi jitwaqqaf l-access ghall-istreaming servers li qed jittrasmettu illegalment il-kontenut awdjoviziv li fuqu hija tiddetjeni d-drittijiet tal-awtur.

**La Liga** taghmel din it-talba ai termini tal-**Artikolu 10(2) tal-Kapitolu 488 tal-Ligijiet ta` Malta** li jaghti dritt ghad-dententur ta` dritt ta` propjeta` intellattwali sabiex jitlob lill-Qorti tohrog dawk il-projbizzjonijiet li jidhrilha xierqa fil-konfront ta` intermedjarji li jkollhom s-servizz taghhom uzati minn terzi sabiex jiksru l-imsemmi dritt ta` propjeta` intellettwali sabiex jigi pprojbit t-tkomplija ta` ksur ta` l-istess dritt.

**Ikkunsidrat Ulterjorment:**

Illi l-**Artikolu 10(2) tal-Kapitolu 488 tal-Ligijiet ta` Malta** ighid espressament hekk:

> *10. (1) Meta l-Qorti jirriżultalha li jkun hemm xi ksur ta' dritt ta' proprjetà intellettwali, din tista' fuq rikors li jsir mill-attur toħroġ projbizzjoni kontra min ikun qiegħed jikkommetti l-ksur bil-għan li tiġi projbita t-tkomplija ta' dak il-ksur. Jekk persuna tonqos milli tottempera ruħha ma' dik il-projbizzjoni, dan ikun jikkostitwixxi disprezz tal-Qorti.*
>
> *(2) Ir-rikors imsemmi fis-subartikolu (1) jista' wkoll isir fir-rigward ta' intermedjarji li jkollhom is-servizzi tagħhom użati minn terzi biex jiksru dritt ta' proprjetà intellettwali, mingħajr ebda preġudizzju għall-artikolu 42 tal-Att dwar id-Drittijiet tal-Awtur.*

Illi l-Artikolu 10 jikkontempla ordni ta' projbizzjoni. Din hi l-azzjoni illi **La Liga** ghazlet biex tipprotegi d-drittijiet taghha, anke jekk il-KAP 488 tal-Ligijiet ta' Malta jipprovdi ghal rimedji ohrajn, li b'dana kollu jibqghu lilha mpregudikati peress illi din l-azzjoni hija strettament maghmula u mpostata fuq l-Artikolu 10 tal-KAP 488 wahdu, anke jekk il-premessi ghall-ftehim milhuq bejn il-partijiet jaghmlu l-posizzjoni tal-partijiet kollha f'din il-pendenza cara u definita.

Il-Qorti tqis ukoll illi filwaqt illi l-projbizzjoni mfittxija minn **La Liga** tirrelata ghal zewg staguni tal-loghob tal-futbol, b'dan kollu l-istagun 2021/2022 issa huwa definittivament maghluq u in vista tan-natura tal-azzjoni mressqa, ikun superfluwu ghalhekk illi din is-sentenza tapplika ghal dak li gja sar u ghadda.

F'dan is-sens, il-Qorti qed taghmilha cara illi din is-sentenza ghandha titqies applikabbli ghall-istagun li gej, ossia, **l-istagun tal-futbol 2022/2023**, u ulterjorment senjatament ghall-ewwel u t-tieni divizjoni tal-futbol Spanjol riferibbli ghall-istess stagun msemmi.

**Ikkunsidrat Ulterjorment:**

Illi fl-ahhar udjenza, il-partijiet pprezentaw nota kongunta li biha mhux biss gharrfu lill-Qorti illi huma kienu wasslu fi ftehim li permezz tieghu kienu ittransigew il-kawza

odjerna, imma talbu lill-Qorti sabiex taghti sentenza bil-ghan li taghti ezekuzzjoni ghall-imsemmi ftehim milhuq bejn il-partijiet.

Il-Qorti tinnota illi l-partijiet **KOLLHA** f'din il-pendenza mxew b'mod rett, dixxiplinat u serju u konxji tal-obbligi u d-drittijiet taghhom, minghajr hafna dilungar zejjed, wasslu ghal ftehim li jixtiequ illi din il-Qorti tadotta fis-sentenza sabiex is-sitwazzjoni illecita hawn fuq deskritta kif maqbul bejn il-partijiet u li pperdurat matul il-kors tal-istagun 2021/2022 ma tirrepetix ruha fl-istagun li jmiss, dak 2022/2023.

Il-Qorti, sodisfatta minn dan kollu ma ssib ebda diffikulta` illi tinkorpora fis-sentenza taghha dak miftiehem bejn il-partijiet, u ghaldaqstant, il-Qorti qed tordna illi d-Dokument mmarkat **DOK KB 1** pprezentat b'nota fl-udjenza tas-6 ta' Gunju 2022, li huwa l-ftehim bejn il-partijiet f'din il-kawza, milhuq u ffirmat nhar l-1 ta' Gunju 2022, riferut il-quddiem bhala "***il-ftehim***", ghandu, ghal finijiet u effetti kollha ta' din is-sentenza jifforma parti minnha b'dan illi l-Qorti qed tordna illi

(a) din is-sentenza ghandha dejjem tinqara u tinghata effett fid-dawl tal-***ftehim*** u

(b) tali ***ftehim***, purche` illi jinsab in atti, ma jkunx pubblikat mas-sentenza odjerna fuq xewqa tal-istess partijiet u anzi ghandhu jigi ssiggillat mir-Registratur u jinfetah biss f'kaz u fl-eventwalita' illi jkun neccessarju jekk tqum xi tilwima/disputa bejn il-partijiet dwar l-istess ***ftehim*** u din tispicca quddiem Qorti/Arbitragg jew Tribunal gudizzjajru jew kwazi-gudizzjarju.

**GHALHEKK**, il-Qorti, wara illi qieset dan kollu hawn fuq sottomess u wara illi kkunsidrat il-fatti kollha li jirrizultawlha, inkluz il-***ftehim*** li ntlahaq bejn il-partijiet kif hawn fuq deskritt, qeghda tghaddi sabiex tiddeciedi din il-pendenza billi:

1. **TILQA' l-ewwel talba** u tiddikjara illi t-trasmissjoni/streaming tal-kontenut awdjoviziv tal-loghob dirett tal-ewwel u t-tieni divizjonijiet tal-league tal-futbol Spanjol minghajr l-awtorizazzjoni ta' l-istess **La Liga**, inkluz izda mhux limitatament ghall-kontenut accessibbli mill-IP Addresses indikati fid-Dokument D mar-rikors promotur, jiksru id-drittijiet tal-awtur li tiddetjeni l-istess **La Liga**.

2. **TILQA' it-tieni talba** u tiddikjara illi s-servizz moghti mis-socjetajiet intimati qeghdin, fis-sens u l-kuntest hawn fuq spjegat, jintuzaw minn terzi sabiex jinkissru d-drittijiet tal-awtur li tiddetjeni **La Liga**, u dan minghajr ma ghandu jinftiehem illi l-istess socjetajiet intimati huma responsabbli ghall-akkadut.

3. **TILQA' it-tielet talba** fis-sens hawnekk ordnat u ghalhekk tordna, ai termini tal-Artikolu 10 tal-Kap 488 tal-Ligijiet ta` Malta u ukoll tal-***ftehim*** milhuq bejn il-partijiet fl-ewwel ta' Gunju 2022 (DOK KB1 in atti) hekk hawnekk imsejjah "***il-ftehim***", sabiex:

    a. Fl-ewwel lok, is-socjetatjiet intimati iwaqqfu u/jew jimblokkaw, fit-termini hawn taht deciz u fuq kollox kif miftiehem bejn l-istess partijiet fil-***ftehim***, l-access lill-IP Addresses identifikati u elenkati fir-rapport tal-PwC, esebit bhala DOK D mar-rikors promotur, kif msemmi fl-ewwel paragrafu tad-

decide, sabiex dawn ma jittrasmettux/jistrimjaw il-kontenut awdjoviz tal-loghob dirett tal-ewwel u t-tieni divizjonijiet tal-league tal-futbol Spanjol ghall-istagun **2022/2023**;

b. Fit-tieni lok, is-socjetatjiet intimati ghandhom iwaqqfu u/jew jimblokkaw, fit-termini hawn deciz u fuq kollox kif miftiehem bejn l-istess partijiet bil-***<u>ftehim</u>*** taghhom DOK KB 1, l-access lill-IP Addresses identifikati u elenkati skond il-metodologija miftehma bejn il-partijiet bl-istess ftehim (klawsola 5 tal-ftehim), fi kwalunkwe zmien minn La Liga qabel jew waqt l-istagun 2022/2023 tal-futbol Spanjol, sabiex dawn ma jittrasmettux u/jew jistrimjaw il-kontenut awdjoviz tal-loghob dirett tal-ewwel u t-tieni divizjonijiet tal-league tal-futbol Spanjol La Liga ghall-istagun **2022/2023**, b'dan illi:

i. l-intimati ghandhom ikunu mgharrfa bid-dati u l-hinijiet tal-imblokk u/jew t-twaqqif tal-access mitlub, bil-miktub mhux anqas minn 96 siegha qabel l-avveniment li La Liga tkun qed tfittex illi titlob l-imblokk u/jew twaqqif taghha, u

ii. l-intimati ghandhom jircievu, minn ghand La Liga, lista ta' l-IP Addresses illi ghandu jigi mblukkat/mwaqqaf l-access lilhom, u tali lista ghandha tasal ghand l-intimati, almenu 24 siegha qabel l-avveniment li La Liga tkun qed tfittex illi titlob l-imblokk/twaqqif tieghu, u f'kaz illi l-avveniment ikun ser jinzamm fil-gurnata tal-Hadd (Sunday) jew festa pubblika li tinserta t-Tnejn (Monday), allura tali lista hawn fuq msemmija trid tkun pprovduta minn La Liga lill-intimati sa mhux aktar tard mill-gurnata tal-Gimgha (Friday) ta' qabel l-avveniment, u

iii. La Liga ma ghandiex tressaq tali talbiet bil-listi ta' IP Addresses aktar spiss minn darbtejn fil-gimgha u tkun hi wahedha illi tassumi r-responsabbilita' legali kollha ghall-korrettezza tal-informazzjoni li tigi provduta lis-socjetajiet intimati kif maqbul u hawnekk deciz (klawsola 6 tal-ftehim).

c. Fit-tielet lok, illi kwalsiasi arrangement milhuq bejn il-partijiet fil-***<u>ftehim</u>*** taghhom tal-1 ta' Gunju 2022 fir-rigward ta' hlasijiet/*processing fees* (paragrafu 4 tal-***<u>ftehim</u>*** msemmi) ghandu jigi rispettat.

d. Fir-raba' lok, ghal finijiet tal-metodologija li tista' twassal ghal identifikazzjoni ta' IP Addresses li fir-rigward taghhom jista' jintalab l-imblokk u/jew it-twaqqif tal-access matul l-istagun tal-futbol **2022/2023**, il-Qorti qed tordna illi tali investigazzjoni issir minn PriceWaterHouse Coopers (PWC) Malta kif identifikat mill-partijiet stess.

e. Fil-hames lok, l-informazzjoni dwar l-IP Addresses illi ssir talba lis-socjeta' intimati sabiex jigu mblukkati u/jew mwaqqfa milli jittrasmettu, liema informazzjoni tigi provduta minn La Liga u/jew minn terz hekk awtorizzat

minn La Liga, ghandha tintbghat fuq l-indirizzi elettronici indikati fil-***__ftehim__*** (klawsola 7).

f. Fis-sitt lok, it-termini ta' dak miftiehem bejn il-partijiet fil-***__ftehim__*** taghhom (klawsola 8), f'kaz illi xi wahda jew kollha mis-socjetajiet intimati, in segwitu ghal blokk u/jew twaqqif ta' xi IP Address in linea ma' dak miftiehem u ordnat, tircievi informazzjoni bil-miktub minn terz jew awtorita' illi tali imblokk u/jew twaqqif ta' tali IP Address qed jimblokka u/jew iwaqqaf ukoll kontenut awdjoviziv illi La Liga ma ghandiex drittijiet fuqu, allura tali imblokk u/jew twaqqif ghandu fi zmien 24 siegha minn meta tali informazzjoni tigi hekk ricevuta, tghaddi ghand il-partijiet l-ohra fuq il-ftehim.

g. Fis-seba' lok, ukoll fit-termini ta' dak miftiehem bejn il-partijiet fil-***__ftehim__*** taghhom (klawsola 9), f'kaz illi La Liga tgharraf lill-intimati jew minn minnhom illi xi IP Address indikat precedentament u konsegwentament imblukkat u/jew mwaqqaf mill-intimati jew min minnhom, ghandu jigi rilaxxjat, allura dan ghandu jsir sa mhux aktar tard minn 24 siegha minn meta l-intimati jew min minnhom jircievu tali struzzjoni. F'dan ir-rigward, kwalsiasi arrangement milhuq bejn il-partijiet fil-***__ftehim__*** taghhom tal-1 ta' Gunju 2022, jekk ikun il-kaz, ta' hlasijiet/*processing fees* (paragrafu 9 tal-ftehim msemmi) ghandu jigi rispettat.

h. Fit-tmien lok, japplika bis-sahha ta' din is-sentenza, il-ftehim fir-rigward ta' kwalsiasi obbligi ta' hlas dovuti bejn il-partijiet ai termini tal-***__ftehim__*** milhuq (klawsola 10 u klawsola 11).

Spejjes u drittijiet ta' dawn il-proceduri u kif ukoll tal-proceduri bin-numru 81/2022ISB decizi fit-2 ta' Frar 2022 jkunu a karigu tar-rikorrenti **La Liga**.

**Ian Spiteri Bailey**
**Imhallef**

**Marisa Bugeja**
**Deputat Registratur**